

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6528 – Dow Europe/Aksa Akrilik/Aksa Karbon JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 131/05)

1. Fis-26 ta' April 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriżi Dow Europe Holding B.V (“Dow Europe”, l-Olanda), ikkontrollata ultimamente minn The Dow Chemical Company (“Dow”, l-Istati Uniti), u Aksa Akrilik Kimya Sanayi A.S. (“Aksa Akrilik”, it-Turkija), ikkontrollata ultimamente minn Akkök Sanayi ve Yatirim Gelistirmi A.S. (“Akkök”, it-Turkija) jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll kongħunt tal-impriżja Aksa Karbon Elyaf Sanayi Anonim Şirketi (“Aksa Karbon”, it-Turkija), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Dow: plastiks u kimiċi, xjenzi tal-agrikoltura, u prodotti u servizzi tal-enerġija u tal-idrokarburi,
- għal Akkök: sustanzi kimiċi organiċi, inorganiċi u ta' prestazzjoni; fibri akriliċi, tekniċi u tal-karbonju; il-ġenerazzjoni u l-produzzjoni tal-elettriku; il-produzzjoni u l-kunzatura ta' ġej tessili; il-kostruzzjoni u l-ġestjoni ta' beni immobbli; u ġestjoni tal-portijiet; and,
- għal Aksa Karbon: Il-manifattura ta' filtri tal-karbonju bbażati fuq il-polikarilontiril (“PAN”), intermedjati tal-fibra tal-karbonju u kompożitti tal-fibra tal-karbonju, użati primarjament fil-qasam tal-enerġija mir-riħ, it-trasportazzjoni, fil-karozzi, l-infrastruttura, it-trasmissioni tal-elettriku minn fili fil-għoli, u applikazzjonijiet offshore taż-żejt u tal-gass.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistiedien lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikkazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejil lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6528 – Dow Europe/Aksa Akrilik/Aksa Karbon JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
 Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
 Reġistru tal-Amalgamazzjoni
 J-70
 1049 Bruxelles/Brussel
 BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet”).